MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 17/2001/1

**Avviz numru 17/2001**

**Salvu Attard**

**-vs-**

**Christopher Mercieca**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihalsu s-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350) rapprezentanti bilanc dovut minnu minn prezz ta' vettura mixtrija minnu minghand l-attur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 20 ta' Settembru 1999 u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Marzu 2000 u bl-imghaxijiet legali minn Marzu 2000 sa-data tal-hlas relattiv.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigi ngunt.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Christopher Mercieca fejn eccepixxa:

1. illi l-vettura li giet mibjugha u kkonsenjata mill-attur lill-eccipejnti ma kienitx tal-kwalita’ pattwita billi l-eccipjenti kien xtara l-vettura bil-kundizzjoni u bil-garanzija li din il-vettura ma kienitx mahbuta u sussegwentement irrizulta li l-vettura kienet mahbuta diversi drabi u li kienet ta’ valur fis-suq ferm inqas mill-ammont ta’ flus li kien qed jippretendi l-attur li jithallas tal-vettura u ghaldaqstant m’huwa dovut ebda bilanc ta’ flus lill-attur;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat illi l-konvenut diversi drabi ma deherx u naqas li jidher biex jirrispondi l-kapitoli pprezentati mill-attur.

Rat l-atti tal-kawza.

Ghalhekk jidhrilha li d-domanda attrici hija gustifikata.

Tilqa’ l-istess u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) rapprezentanti bilanc minn prezz ta’ vettura mixtrija mill-konvenut minghand l-attur.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-20 ta’ Settembru 1999 u ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Marzu 2000 u bl-imghaxijiet legali minn Marzu 2000 sad-data tal-hlas relattiv kollha kontra l-konvenut.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------